32004D0198

L 64/39 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 2.3.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tas-27 ta' Frar 2004
li temenda d-Deċiżjoni 2002/794/KE li tikkonċerna ċerti miżuri protettivi fir-rigward tal-laħam tat-tjur, prodotti tal-laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur intiżi għall-konsum uman u importati mill-Brażil

(notifikata bid-dokument numru K(2004) 557)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2004/198/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel [1], kif emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1642/2003 [2], u partikolarment l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tniżżel il-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-kontroll veterinarju fuq prodotti dħlin fil-Komunità minn pajjiżi terzi [3], u partikolarment l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/794/KE [4] għandu jittieħed kampjun mill-kunsinni kollha tal-laħam tat-tajr, tal-prodotti tal-laħam tat-tajr u tal-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tajr importat mill-Brażil sabiex jiġi dimostrat in-nuqqas ta' nitrofurani.

(2) Id-Deċiżjoni 2002/794/KE għandha tkun riveduta skond l-Artikolu 6 tagħha, fid-dawl tal-garanziji provduti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil u fuq il-bażi tar-riżultati tat-testijiet magħmula mill-Istati Membri.

(3) Fis-27 ta' Mejju 2003, l-awtoritajiet kompetenti tal-Brażil issottomettew quddiem il-Kummissjoni pjan ta' azzjoni li ġie kkunsidrat mill-Kummissjoni bħala wieħed sodisfaċenti.

(4) Fir-rapport tal-missjoni [5], l-Uffiċju ta' l-Ikel u l-Veterinarja kkonkluda li l-implimentazzjoni u l-infurzar ta'dan il-pjan ta' azzjoni saru mingħajr nuqqasijiet importanti.

(5) Mit-12 ta'Awissu 2003 'l hawn, il-Kummissjoni, permezz tas-sistema RASFF, ma rċeviet l-ebda notifika rilevanti ta' nitrofuran fil-laħam tat-tajr, fil-prodotti tal-laħam tat-tajr jew fil-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tajr mill-Brażil.

(6) Għaldaqstant il-frekwenza tal-ġabra ta' kampjuni u tat-testijiet ser titnaqqas.

(7) Id-Deċiżjoni 2002/794/KE għandha tiġi emendata f'dan is-sens.

(8) Il-miżuri provduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar *Foodchain* u s-Saħħa tal-Annimali,

ADDOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 2 tad- Deċiżjoni 2002/794/KE, it-test tal-paragrafu 1jinbidel fit-test li ġej:

"1. L-Istati Membri, permezz ta' pjani xierqa ta' ġabra ta' kampjuni u metodi xierqa ta' skoperta, għandhom jassoġġettaw l-20 % tal-kunsinna tal-laħam tat-tajr, tal-prodotti tal-laħam tat-tajr u tal-preparazzjonijiet tal-laħam tat-tajr importat mill-Brażil għal test kimiku sabiex jiżguraw li l-prodotti kkonċernati ma jippreżentawx periklu għas-saħħa tal-bniedem. Dan it-test għandu jsir partikolarment bil-għan li tiġi skoperta l-preżenza ta' nitrofurani u tal-metaboliti tagħhom."

[1] ĠU L 31, 01.02.02, p. 1.
[2] ĠU L 245, 29.09.03, p. 4.
[3] ĠU L 24, 30.01.1998, p. 9.
[4] ĠU L 276, 12.10.2002, p. 66.
[5] DG SANCO/9047/2003 - Finali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mid-9 ta' Marzu 2004.

L-Istati Membri għandhom jemendaw il-miżuri li huma japplikaw għall-importazzjoni sabiex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar dan immedjatament.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-27 tà Frar 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni